MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 3

19 ta' Awwissu 2024

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Nicole Portelli - Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier
Paul Ciantar – Kunsillier
Ralph Cassar– Kunsillier
Martin Musumeci– Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm. Kulħadd kien preżenti fuq il-post fil-ħin.

## 3.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

3.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kellha l-ebda ittra t'apoloġija.

## 3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

3.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa Nru. 2 ġew approvati wara li Dott. Cassar qal li għall-attività ta' Novembru qisha ma kinitx approvata. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġaladarba is-Sindku qal li jistgħu jgħinu fiha s-Sur Bartolo u anke offrew minn jehdhom is-Sinjorina Portelli u Dott. Musumeci awtomatikament din l-attività kellha l-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Minuti ġew approvati.

## 3.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

3.3.1 *Impjegata Info Centre*

Is-Sur Cordina qal rriżenjat l-impjegata tal-Info Centre. Qal li prova jikkonvinċiha biex tirtira' l-ittra ta' riżenja u fil-fatt l-ewwel darba irtirata. Ġara però, li wara jumejn reġgħet bagħtet it-tieni imejl u din id-darba ma qgħadtx jiġri warajha. Hu kompla jgħid li kienet diġà kelmitha is-Segretarju Eżekuttiv u peress li baqgħet tinsisti li trid titlaq, talabha biex taħdem sal-aħħar ta' Lulju flok sal-bidu ta' Awwissu ħalli ma tikkumplikax ruħha is-sistema tax-Shireburn. Qal li kellha ħafna beżgħat u li bl-ebda mod ma seta' jikkonvinċiha biex tibqa'. Fil-fatt anke meta kelmitha s-Segretarju Eżekuttiv wriet dawn il-beżgħat magħha. Is-Sur Cordina qal din issa spiċċat mill-pożizzjoni li kellha u għaldaqstant iridu jġibu xi ħadd ieħor minflokha. Se jinbdew proċeduri biex biex tiġi ngaġġata persuna oħra.

Is-Sur Mangion qal li issa l-pass li jmiss hu li toħroġ *public call.* Is-Sur Cordina qal li minn jeddhom l-istaff qed jolteraw u kull darba li jmisshom qed ikopru l-Info Center ukoll inkluż is-Segretarju Eżekuttiv. Uffiċjalment is-Sur Cordina flimkien mal-kumplament tal-Kunsill qalu grazzi lill-istaff kollu li kien qed iġorr ix-xogħol miegħu u jaqdu 2 postijiet f'daqqa.

3.2.3 Uffiċċini tal-Kunsill

Is-Sur Cordina qal li l-lift wasal imma għad irid jiġi mkaħħal ix-xaft. Kif appena jinkesa x-xaft tingħata ġurnata biex jiġi nstallat il-lift. Is-Sur Bonnici saqsa fejn hi l-entratura għall-uffiċini l-ġodda. Ġie spjegat lilu li din tinsab fil-ġnien u hi entratura separata speċifikament għall-uffiċini u s-sular ta' fuq. Is-Sur Mangion staqsa sa meta huma mikrija l-uffiċini preżenti? Is-Sur Cordina qal li dawn huma mikrijin u mħallsa sal-

aħħar t'Ottubru. Jekk ix-xogħol ma jitlestiex sa l-aħħar t'Ottubru imbagħad il-miżata tinbidel u tiġi fuq bażi ta' kuljum minflok fix-xahar bi spiża ferm ikbar.

## 3.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

3.4.1 Sur Alex Mangion

- Qal li min-naħa tiegħu xtaq jirrimarka biss li fil-festa mar kollox sew.
- Saqsa wkoll jekk alla jrid imorru fl-uffiċini l-ġodda, hijiex se ssir inawgurazzjoni uffiċjali? Is-Sur Cordina qal li jekk qatt ma saru inawgurazzjonijiet uffiċjali fl-affarijiet l-oħra, bil-kedda li ħadu f'dan il-proġett żgur se ssir inawgurazzjoni kif suppost.
- Saqsa f'hiex wasal ix-xogħol ta' Triq Victor Vassallo. Is-Sindku infurmah li ingħata l-ewwel wiċċ u jonqos l-aħħar saff.

3.4.2 Sur Remigio Bartolo

- Tkellem fuq Jum Ħ'Attard tas-sena d-dieħla minħabba is-Surmast tal-banda ried jikkoordina data minn issa, dejjem jekk ħa tintuża l-banda La Stella Levantina. Hu ppropona data tad-29 ta' Marzu 2025. L-Avukat Caruana qalet li peress li il-31 ta' Marzu se jaħbat it-Tnejn, jaf in-nies imorru *long weekend* u ma jiġux. Is-Sur Cordina ppropona li ssir il-weekend ta' qabel. Dott. Musumeci qal li aktarx se jkun konferenza Firenze. Saret diskussjoni interna fuq bosta dati u finalment ġiet deċiża d-data ta' 22 ta' Marzu 2025 sabiex ma ssirx devjazzjoni ħafna mid-data oriġinali.

3.4.3 Dott. Ralph Cassar

- Saqsa jekk hemmx xi raġuni uffiċjali għala m'għadux jintuża il-*bus stop* fi Triq l-Isptar. Is-Sur Cordina qal li dak il-bus stop mexa minn fejn kien għal quddiem il-Maypole u li se jerġa' jimxi għal x' imkien ieħor hekk kif ikun lest ix-xogħol. Qal li bħalissa qed jistennew pjanta uffiċjali. Dott. Cassar qal li dak li hemm bħalissa tal-ġebel, hu aktar konvenjenti sew biex jistkennu n-nies u anke biex jistennew, filwaqt li dak li sar temporanjament hu vera perikoluż. Is-Sur Cordina qal li apparentement kien sar xi rapport lill-Transport Malta li ma xtaqux li l-venda tibqa' hemm u li kienu qed isiru bosta abbużi min-nies li bdew jagħmlu l-bzonnijiet tagħhom warajh u jitħalla ħafna ħmieġ. Saqsa jekk jistax isir xi tip ta' *bus shelter* modern. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed isibu l-aħjar post fejn joħolqu l-inqas inkonvenjent. Is-Sur Cordina qal li kullimkien inkonvenjent u faċli wieħed jgħid nieħdu paċenzja. Dott. Musumeci saqsa jekk dawn isirux hekk mingħajr ebda konsultazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jikkonsultaw magħhom, bħal fil-każ tas-suġġeriment li l-venda ssir fi Triq il-Pitkali ħdejn l-isptar Santa Katerina, li ma ġietx aċċettata minħabba x-xogħlijiet ta' Victor Vassallo.

3.4.4 
- Saqsa jekk is-Sindku kellux laqgħa mal-Perit tal-Infrastructure Malta biex jiġu identifikati postijiet biex isiru konok u jitħawwlu iktar siġar. Is-Sur Cordina qal li se tintbagħtlu pjanta aġġornata. Is-Sur John Bonnici qal li hemm xi siġar fuq l-*embankment* mejtin u jekk dawn jistgħux jinbidlu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se jinbidlu. Qal ukoll li l-istess triq mimlija ħofor li skont is-Sindku huma kollha tal-korporazzjoni għas-servizzi tal-ilma u jekk jinqala' xi nċident ifittxu lilhom għax ġa rrapurtati.

## 3.5 Rapporti: Approvazzjoni ta' Rapport tal-Kwart tas-Sena April – Ġunju 2024

3.5.1 Wara li s-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif jitqassmu il-kwarti tas-sena a benefiċċju ta' dawk ġodda, kompliet tgħid li r-rapport sal-aħħar ta' Ġunju jindika telf €67118 li huwa dovut għal:

a) Żieda fl-ispejjeż minn Q1 għal Q2:
   i) Marketing Costs – l-ammont ta' €16k intefaq fuq il-promozzjoni u l-inawgurazzjoni ta' Ġnien l-Istazzjon (Outlook Coop);
   ii) Cultural events costs – kien hemm żieda ta' madwar €13k relatata mal-ispejjeż ta' Jum H'Attard, l-inawgurazzjoni ta' Ġnien l-Istazzjon u l-Iffjurit bil-Ward Imfewwaħ.

b) Deprezzament li jammonta għal €44.5k - €39k minnhom huma relatati mad-deprazzament ta' spejjeż ta' proġetti ta' kostruzzjoni ta' natura kapitali fuq perjodu ta' 10 snin – €14k minnhom huma spejjeż marbuta ma' Ġnien l-Istazzjon li ġew riflessi fil-*profit and loss account* wara li l-proġett tal-binja ġie finalizzat f'Diċembru tal-2023. Dan il-proġett kollu ġie jiswa' kważi miljun ewro u parti minnu ġie kapitalizzat fl-aħħar ta' Diċembru 2023.

Hi qalet li hemm xi spejjeż minn dawn li ħa jinġabru mir-Reġjun bħal dawk marbuta mal-avveniment tal-iffjurit u dawk tal-inawgurazzjoni tal-Istazzjon imma ovvjament la għadhom ma daħlux mhux se jiġu rekordjati. Kompliet tgħid ukoll li hemm spejjeż oħra fuq il-pavimentar tal-Istazzjon li se jkollhom jiġu assorbiti kollha mill-Kunsill.

L-Avukat Caruana qalet li ġaladarba qegħdin jiddiskutu l-ispejjeż relatati ma' Ġnien l-Istazzjon irridu wkoll xi darba jiddiskutu sew il-protezzjoni tal-ferrovija tal-kartun. Is-Sur Cordina qal li diġà ħadu ħsieb u ntefqu bejn €3000 - €4000 sabiex sar filming protettiv (UV) madwar l-istruttura. Hu kompla jgħid li l-biċċiet inqalgħu għax intużat kolla tal-gann. Meta s-Sur Bonello reġa' ġie jsewwi użа kolla kompletament differenti. Hi qalet li dak li riedet tgħid hu li għandu jintuża xi materjal iktar *long term* biex isservi.

Dott. Musumeci qal li xi snin ilu kien għamel studji fuq micro climate u l-umdità biex tipproteġi l-pitturi għax kull materjal jirreaġixxi differenti meta espost għall-elementi naturali. Hu offra l-għajnuna tiegħu sabiex jikkuntattja lil xi ħadd fuq dan il-qasam.

Is-Sur Bonnici issuġġerixxi li ssir biċċa ħadra fuqha. Dott. Musumeci nsista li l-aħjar jaraw dawn l-esperti x'jista' jsir u jaraw kemm hi l-ispiża forsi tinġab xi *sponsorship* mill-Bank of Valletta jew

entità simili li jħobbu jgħinu ħafna f'dan il-qasam. Is-Sur Bartolo qal ukoll li jistgħu forsi jitolbu l-għajnuna tal-Lombard Bank ukoll.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif ġa semmiet preċedentament hemm inklużi f'dan ir-rapport l-ispejjeż marbuta mal-pavimentar tal-Istazzjon liema deprezzament mhux sa jibda qabel il-Q3. Hi qalet li bi qbil mal-kuntrattur, ġie miftiehem li jingħaddew pagamenti mensili ta' €7,100. Peress li l-ispiża ddaħħlet kollha issa u l-ħlas se jsir fuq perjodi, hekk kif il-paġamenti jibdew jonqsu, l-FSI jibda jimmiljora wkoll.

Dott. Cassar qal li jekk tqis il-kera li trid tonqos meta jmorru l-post l-ieħor u fatturi oħrajn id-deficit ma jidhirx inkwetanti. Kompla jgħid li f'kemm ilu fil-Kunsill il-bagits kienu dawk li kienu u jekk taqbad l-ammont per capita ta' €95 il-baġit hu vera baxx. Pajjiżi barranin in-nies iħallsu l-*Council tax...*hawnhekk kulħadd jippretendi kollox b'xejn kompla jgħid Dott. Cassar.

Dan ir-rapport ġie approvat.

## 3.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 3.6.1 *European Waste Reduction Week* (24 ta' Novembru 2024)

Dott. Cassar qal li:

- Tkellmu ma' Friends of the Earth li ħa jieħdu sehem fuq attività ta' ġurnata
- Dott. Musumeci qed jirranġa biex isiru xi talks u Ms. Portelli u l-istaff qed jieħdu ħsieb jikkommunikaw ma' xi entitajiet
- Se jkun hemm inizjattiva *bring your own cup* u jekk ma ġġibx it-tazza tiegħek ma tieħux kafe'
- Saret komunikazzjoni ma' żewġ kumpaniji differenti biex jarmaw stands li joffru soluzzjonijiet għall-sistemi tal-ilma sostenibbli (Dr. Caruana saqsiet min huma sabiex isir komunikazzjoni ma' iktar kumpaniji li jistgħu jipparteċipaw)
- Qed jippruvaw iżommu baġit baxx biex forsi bħal ma sar fis-snin preċedenti jirbħu xi premju tal-Wasteserv u jdaħħlu l-flus mhux joħorguhom.

### 3.6.2 Exhibition Boards

Dott. Cassar qal li għal promozzjoni ta' Ġnien l-Istazzjon hija idea tajba li jinvestu *f'exhibition boards* sabiex isiru esebizzjonijiet u kompetizzjonijiet.
Is-Sur Bartolo qal li l-ideja hi li ssir kompetizzjoni b'ritratti li jittieħdu mit-tfal fi zmien il-Milied imbagħad jiġu eżebiti ġewwa l-Istazzjon.
L-Avukat Caruana qalet li tista' issir ukoll corner *storytelling* li għalkemm m'għandħiex x'taqsam ma' *waste* it-tema jkun *waste* fejn kompliet Ms. Portelli jistgħu isiru '*reading centres for kids to make them feel more welcome'* li jkunu animati.
Dott. Musumeci qal li jistgħu isiru *reading sessions* f'postijiet differenti, anke *open spaces*. Issuġġerixxa wkoll li jsiru bħal *launches* ta' kotba. Dott. Cassar li ħafna drabi jkunu *self sustained* għax jiswew vera ftit flus. Dott. Musumeci qali li dawn jagħtu exposure lill-post

b'nefqa minima ta' xi ftit inbid u fejn forsi wieħed jikkontribwixxi għall-ispejjeż tal-istaff permezz ta' donazzjoni.
Dott. Musumeci qal li qed jaħseb flimkien ma' kollegi oħra mis-Centre for Environmental, Education and Research fosthom Profs. Paul Pace, biex flimkien mal-Kunsill, joffru kors fuq is-sostenibbiltà (sustainible lifestyles) li jista' jkun *a first in its sort*. Hu qal li kien sar xi ħaġa simili minn Susan Piscopo 'Għaqal id-dar' li kien intlaqa' vera tajjeb.

3.6.3 *Swap/Thrift Shop*

Dott. Cassar qal li ovvjament se jsir bħas-snin ta' qabel l-*iswap/thrift shop* fejn fih tista' ġġib u tieħu xi ħaġ'oħra.

3.6.4 Triq Victor Vassallo/Triq il-Linja

Dott. Cassar qal li saret spezzjoni flimkien mas-Sur Alfred Baldacchino tal-ammont ta' siġar li hemm bżonn u nġabet kwotazzjoni mingħand ACT għal dan il-post u postijiet oħra. Issuġġerixxa wkoll li jsiru toqob (bejn 10 u 50 toqba) mal-ħajt tal-fabbriki, tinżergħa liedna biex jidher bħalha *green wall* u li dan se jiġi vera rħis. Ġie deċiż li jinġab permess mill-INDIS biex isiru dawn it-toqob mal-ħajt tagħhom. Dott. Musumeci qal li hemm bżonn li dawn l-attivitajiet żgħar kemm huma żgħar jiġu reklamati anki sempliċement fuq gazzetta permezz ta' ittra.

3.6.5 Qasam tal-Bini tal-Gvern

Dott. Cassar saqsa fuq żewġ planters ħdejn il-flets tal-Gvern li fadal post fihom biex isir xi tħawwil. Is-Sur Cordina qal li kien tkellem ma' Ministru partikolari li wegħdu li kif jitlestew ix-xogħolijiet fl-area ikunu jistgħu jħawwlu siġar f'dawn iż-żoni. Dott. Cassar u Musumeci qalu li l-importanti li jkunu kkonsultati x'tip ta' pjanti se jinżergħu u li effettivament dawn jitħawwlu.

3.6.6 Ġardina John Borg

Dott. Musumeci qal li moħħu baqa' jberren fuq dik l-area li hemm mitluqa biswit Ġardina John Borg. Hu talab li jiġi avviċinat is-sit u titnaddaf l-area. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ġardina in se titnaddaf imma l-area biswit le għax privata. Dott. Cassar qal li simili hemm anke dik il-biċċa art fi Triq Birkirkara. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li anke dik ġieli naddfu.

## 3.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

3.7.1 L-Avukat Caruana daret l-iskeda ta' pagamenti.

Dott. Cassar saqsa fuq xi terminoloġiji fl-iskeda bħal DA, T, PP u FP. Saqsa wkoll fuq is-servizz tal-vann u kif sejjer. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-servizz sejjer tajjeb ħafna, li għal bidu kien ftit fjakk imma li issa rranka sew. Dott. Musumeci qal li dawn huma l-affarijiet li n-nies għandhom ikunu jafu bihom u li kull xahar fuq il-paġna tal-Kunsill jista' jinħareġ l-ammont ta' kemm nies użaw is-servizz. Kulħadd qabel

L-Avukat Caruana saqsiet fuq l-*invoice* ta' Joseph Tabone u l-pagamenti kif sa jibdew jitqassmu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se jkun hemm l-fattura tidher bħalha sħiħa u pagamenti mensili ta' €7,100. Hi qalet ukoll a benefiċċju tal-oħrajn li dan il-ġnien oriġinarjament ma kellux jinqala' kollu imma jinqala' n-nofs biss, jinbidlu l-arbli, bankijiet u bins. Li ġara kien dovut għall-fatt li bit-trakkijiet deħlin u ħerġin, speċjalment meta tħaffer ir-*reservoir,* in-nofs ġie benniena u l-

ġnubijiet ċedew. Dan apparti kompliet hi li ħabba li saret ġiebja ġdida riedu jingħaddew ħafna pajpijiet tal-ilma ħabba d-*drip irrigation.* L-istruttura tal-ħadid fil-veru sens saret l-aħħar minuta daqskemm damu jikkumbattu ħabba fondi mal-Ministeru, li spiċċaw ma mgħatawx u inġabu fondi minn sorsi oħra fosthom EU u DPF. Wara dak it-tgħaqid kollu inġabet kwotazzjoni minn kuntrattur li kellu tender mal-Kunsill, fejn ħafna mill-affarijiet kienu ġa fit-tender tiegħu bħall-kurduna, *taking out of material*, ir-rimi imma mhux it-tip ta' materjal li ntuża biex isir il-wiċċ u għalhekk kellu jiġi assorbit kollu mill-Kunsill minħabba li DPF m'approvatx li jingħataw fondi.

Dott. Cassar saqsa fuq item 58 tindif tal-embankment u jekk jistax eżempju jsir it-tindif ta' Xatbet l-Art. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ammont mhux kollu fuq oġġett wieħed biss imma hemm tindif ta' bosta postijiet bħal kompla s-Sindku l-materjal li ntefa' fi Triq il-Mosta wara l-istage li spiċċa jneħħieħ kollu l-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bdew il-culverts ukoll. Għalhekk dan ix-xogħol jista' jsir minn dan il-kuntrattur. Is-Sur Bonnici qal li sar ukoll il-ħasil ta' Triq iċ-Citru u anke l-isqaqin tal-madwar il-Kunsill.

Proponent: Dr. Martin Musumeci Sekondant: Paul Ciantar

L-iskeda ġiet approvata.

## 3.8 Mozzjonijiet; u

3.8.1 Ma kienx hemm mozzjonnijiet.

## 3.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

3.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.41pm u ġiet aġġornata għal-25 ta' Settembru 2024 fil-5.30pm

Konfermati illum, 25 ta' Settembru 2024.

Stefan Cordina
Sindku

Marica Mifsud Mintoff
Segretarju Eżekuttiv